MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 93

**It-Tlieta, 7 ta' Awwissu, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Gianluca Falzon | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 93.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**93.1.1** Is-Sindku informa lill-membri li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 93.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**93.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 92 (tnejn u disgħin) li saret fis-17 ta' Lulju, 2018 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 93.2.1 Korrezzjonijiet

93.2.1.1 Minuta 92.8 – minflok il kelma "jre" issir "jew".

## 93.2.2 Punti mqajma mill-minuti

**93.2.2.1** Minuta 92.4.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li kif kien previst saret il-laqgħa ma TM fejn għal darb'oħra huma talbuna sabiex nibagħatu l-proposti tagħna b'mod uffiċċjali sabiex dawn l-istess proposti jkunu diskuss fil-laqagħa tal-bord liema laqgħa ser inkunu ukoll mistiedna sabiex nispjegaw aktar fid-dettall.

**93.2.2.2** Minuta 92.4.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-van tal-Kunsill m'għaddiex mill-VRT u ma kienx possibbli li jsirlu *service* minħabba li l-ispiża kien taqbeż l-€2,000 u għadaqstant ma kienx fl-interess tal-Kunsill li ssirlu din il-manutenzjoni ġaladarba il-mekkanik ikkonferma żmienu kien għamlu. F'dan ir-rigward il-vann kellu jiġi skrappjat. Wara diskussjoni ġie deċiż li jixtara van ieħor u l-ispiża ma tkunx aktar minn €5,000.

Il-membri qablu unanimament.

**93.2.2.3** Minuta 92.5.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li ser issir il-claim minn naħa tagħna għaliex l-ispiża hija koperta mill-assikurazzjoni u l-premium is-sena id-dieħla ser jibqa' l-istess.

**93.2.2.4** Minuta 92.5.4 – Is-Sindku nforma lill-membri li dwar ir-regolamenti tal-GDPR il-Kunsill għadu qed jistenna gwida konkreta dwar kif ser nipproċedu.

**93.2.2.5** Minuta 92.6.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li hemm bżonn li jsir il-membrane tal-bejt tar-razzett liema xogħol jista isir mill-ħaddiema assenjati. Il-membri ddiskutew

ukoll sabiex jiġu rranġati jew mibdula t-travi tal-injam tal-istess razzett. Kien hemm qbil sabiex jitqabbad Perit speċjalizzat fuq din il-materja u nipproċedu sabiex ma ssirx aktar ħsara.

Il-membri qablu unanimament.

**93.2.2.6** Minuta 92.10 - Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| Ilment 95 | Ser issir work order sabiex isiru l-bays kollha fi Triq Qormi ġaladarba ser tibqa One Way |
| Ilment 107 | Minħabba l-fatt li t-Triq hija dejqa hemm diffikulta kbira fejn tista' teħel mera għaliex skont ir-rapport tal-Contract Manager kwalunkwe mera ser tkun milquta – dan l-ilment ma ntlaqax. |
| Ilment 210 | Ma tistax issr skip quddiem residenzi ta' residenti oħra. Din tista' issir biss quddiem min qiegħed jagħmel it-talba f'dan il-kaz quddiem Verdi Court. |

## 93.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**93.3.1** Is-Sindku informa lill-Membri li rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Eman Micallef sabiex fil-15 ta' Settembru 2018, is-Soċjeta Filarmonika ta' Santa Venera jorganizzaw BBQ fil-Ġnien Romeo Romano bil-kundizzjonijiet tas-soltu.

## 92.4 *Rapporti/Korrispondenza*

**92.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li għat-92 laqgħa ma kellux rapporti jew korrispondenza x'jippreżenta.

## 93.5 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

**93.5.1** Quarterly report bejn April u Ġunju 2018 – l-Accountant, Is-Sur Michael Debono, spjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju bejn April u Ġunju 2018.

Is-Sindku ippropona u s-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku dan ir-rapport finanzjarju filwaqt li l-membri l-oħra qablu unanimament.

**93.5.2** *Car Free Day* - Is-Sindku informa lill-membri dwar il-*Car Free Day* li normalment issir gimgħa qabel ma tibda is-sena skolastika. Wara diskussjoni gie maqbul li għal din is-sena l-attivita' issir il-Ħadd 30 ta' Settembru, 2018 bejn id-9:00am u 1:00pm fi Triq il-Kbira San Ġużepp fejn il-ħsieb huwa li jittella' programm varjat bħal wirjiet, attivitajiet għat-tfal, żumba u oħrajn.

Il-membri qablu unanimament

## 93.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-Laqgħa ma ġewx ippreżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 93.7 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet.

Il-membri qablu unanimament

## 93.8 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 249 sa 300.

| | |
|---|---|
| 249 | Verifika minn Transport Malta |
| 250 | Ħaddiema Assenjati / TM |
| 251 | Issir waqt l-asfaltar tat-triq |
| 252 | Ħaddiema Assenjati |
| 258 | Ħaddiema Assenjati |
| 259 | Sid irid iġib il-permessi |
| 261 | Is-Sid irrid japplika maċ-Ċentru Ħidma Socjali |
| 266 | Ittra lis-Sid |
| 268 | Ninfurmaw lil tas-Sanita' |
| 269 | Intalbu xi permessi tal-garaxx in kwistjoni |
| 270 | B Grima & Sons |
| 271 | Titwaħħal Tabella |
| 272 | Contract Manager |
| 274 | Niktbu lil TM |
| 277 | Ġardinar |
| 280 | Mica Med |
| 283 | Ħaddiema Assenjati |
| 284 | Central Asphalt |
| 285 | Issir talba lil TM għal possibilta li ma jgħaddux vetturi kbar mit-triq |
| 287 | Ħaddiema Assenjati |
| 289 | Pendenti |
| 290 | Ma tistax issir għaliex hija llegali |
| 292 | Mica Med |
| 293 | Pulizija |
| 294 | Contract Manager |
| 295 | Contract Manager |

| | |
|---|---|
| 296 | Ħaddiema Assenjati |
| 297 | Ma tistax issir |
| 298 | Mica Med |
| 299 | Igib il-permessi |
| 300 | Talba lil TM |

## 93.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.45 pm u ġiet aġġornata għat- 3 ta' Settembru, 2018, fil-5.30pm

Konfermati, illum 3 ta' Settembru, 2018

IFFIRMATA
Stephen Sultana
Sindku

IFFIRMATA
Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv